2024/2060

31.7.2024

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/2060

tat-30 ta' Lulju 2024

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/1192 fir-rigward tal-mudell għall-istħarriġiet ta' *Globodera pallida* (Stone) Behrens u *Globodera rostochiensis* (Wollenweber) Behrens, l-użu ta' metodi ta' ttestjar u d-deżinjazzjoni ta' siti tal-produzzjoni infestati

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar il-miżuri protettivi kontra pesti tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 228/2013, (UE) Nru 652/2014 u (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 69/464/KEE, 74/647/KEE, 93/85/KEE, 98/57/KE, 2000/29/KE, 2006/91/KE u 2007/33/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 28(1), il-punti (a) sa (h), tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1192 ([2]) jistabbilixxi miżuri għall-qerda u għall-prevenzjoni tat-tifrix ta' *Globodera pallida* (Stone) Behrens u *Globodera rostochiensis* (Wollenweber) Behrens ("il-pesti speċifikati") fit-territorju tal-Unjoni. Ħa post id-Direttiva tal-Kunsill 2007/33/KE ([3]), li tħassret bir-Regolament (UE) 2016/2031 b'effett mill-1 ta' Jannar 2022.

(2) F'konformità mal-Artikolu 5(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/1192, l-awtoritajiet kompetenti jridu jiddeżinjaw sit tal-produzzjoni bħala infestat mill-pest speċifikat fejn il-preżenza tal-pest speċifikat f'dak is-sit tkun ġiet ikkonfermata uffiċjalment mit-testijiet imsemmija fl-Artikolu 3(2) ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

(3) Kien hemm dubji dwar jekk l-għelieqi li ġew irreġistrati uffiċjalment mill-awtoritajiet kompetenti bħala infestati mill-pest speċifikat, skont l-Artikoli 8(1) jew 8(2) tad-Direttiva 2007/33/KE, qabel l-1 ta' Jannar 2022 jenħtieġx li jiġu deżinjati wkoll bħala siti tal-produzzjoni infestati għall-finijiet tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/1192. Sabiex tiġi żgurata l-ogħla protezzjoni possibbli tat-territorju tal-Unjoni mill-pest speċifikat, jenħtieġ li tali għelieqi jkunu soġġetti għall-istess rekwiżiti bħas-siti tal-produzzjoni ddeżinjati bħala infestati skont l-Artikolu 5(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/1192. Għal din ir-raġuni, l-Artikolu 5(1) ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni jenħtieġ li jagħmilha ċara li l-għelieqi rreġistrati uffiċjalment bħala infestati qabel l-1 ta' Jannar 2022 jenħtieġ li jitqiesu wkoll bħala siti tal-produzzjoni infestati.

(4) F'konformità mal-Artikolu 13 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/1192, sal-15 ta' Lulju 2024, l-ittestjar jista' jitwettaq bl-użu tal-metodu ta' iżolament taċ-ċesti tan-nematodi mill-fdalijiet, segwit mid-detezzjoni u l-identifikazzjoni tal-ispeċi b'PCR f'ħin reali abbażi ta' Beniers *et al.* 2014, minflok il-metodi fir-rigward tad-detezzjoni u l-identifikazzjoni tal-pesti speċifikati elenkati fil-punt 1(b) tal-Anness III.

(5) Pubblikazzjoni ([4]) xjentifika reċenti kkonfermat il-validità u l-effettività ta' dak il-metodu ta' ttestjar. Għal din ir-raġuni, jenħtieġ li jiżdied mal-metodi tal-ittestjar stabbiliti fil-punti 1(b)(ii) u (iii) tal-Anness III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/1192, bl-indikazzjoni "PCR f'ħin reali bbażat fuq Lombard *et al.* 2024', filwaqt li l-Artikolu 13 jenħtieġ li jitħassar billi sar obsolet.

([1]) ĠU L 317, 23.11.2016, p. 4, ELI http://data.europa.eu/eli/reg/2016/2031/oj.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1192 tal-11 ta' Lulju 2022 li jistabbilixxi miżuri għall-qerda ta' *Globodera pallida* (Stone) Behrens u *Globodera rostochiensis* (Wollenweber) Behrens u għall-prevenzjoni tat-tifrix tagħhom (ĠU L 185, 12.7.2022, p. 12, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2022/1192/oj).

([3]) Id-Direttiva tal-Kunsill 2007/33/KE tal-11 ta' Ġunju 2007 dwar il-kontroll ta' nematodi taċ-ċisti fil-patata u li tħassar id-Direttiva 69/465/KEE (ĠU L 156, 16.6.2007, p. 12, ELI http://data.europa.eu/eli/dir/2007/33/oj).

([4]) Lombard L, Dekker-Nooren CCEM, Wuijster B, van Kessel, SP, van Duivenbode I, van Bruggen AS, van Heese EYJ (2024) Comparing the effectiveness of real time PCRs to simultaneously detect and identify viable *Globodera pallida* and *G. rostochiensis*. Eur J Plant Pathol, https://doi.org/10.1007/s10658-024-02864-7.

(6) F'konformità mal-Artikolu 3(4) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/1192, l-Istati Membri jridu jirreġistraw uffiċjalment ir-riżultati tal-istħarriġiet uffiċjali ta' detezzjoni u jagħmluhom aċċessibbli għall-Kummissjoni, fuq talba, f'konformità mal-mudell stabbilit fl-Anness IV ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

(7) Jeħtieġ li dak il-mudell tal-Anness IV isir aktar dettaljat biex tiġi żgurata reġistrazzjoni aktar komprensiva tar-riżultati rispettivi tal-istħarriġ. Għal din ir-raġuni, l-elementi li ġejjin jenħtieġ li jiġu inklużi fil-mudell il-ġdid: kategorija tal-istħarriġ permezz ta' referenza speċifika għat-tuberi tal-patata jew pjanti ospitanti oħra, id-daqs inizjali u aġġornat taż-żona infestata, in-numru tan-notifika tat-tifqigħat il-ġodda u informazzjoni addizzjonali.

(8) Barra minn hekk, jeħtieġ li fl-ewwel sentenza tiegħu fl-Anness IV jiġi ċċarat li l-mudell għandu jippreżenta r-riżultati tal-istħarriġiet imwettqa matul is-sena kalendarja ta' qabel is-sena tar-rapportar.

(9) Għalhekk, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/1192 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.

(10) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi għar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/1192

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/1192 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 5(1), jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Għelieqi rreġistrati uffiċjalment mill-awtoritajiet kompetenti bħala infestati, f'konformità mal-Artikolu 8(1) jew 8(2) tad-Direttiva 2007/33/KE, qabel l-1 ta' Jannar 2022, għandhom jitqiesu li ġew deżinjati bħala siti tal-produzzjoni infestati;"

(2) L-Artikolu 13 jitħassar;

(3) fl-Anness III, il-punt 1(b) huwa emendat kif ġej:

(i) il-punt (ii) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(ii) l-iżolament taċ-ċesti ta' *Globodera* mill-fdalijiet abbażi tal-morfoloġija taċ-ċesti, segwit mill-identifikazzjoni tal-ispeċi abbażi tal-morfoloġija taċ-ċesti u tal-larvi individwali, flimkien ma' PCR f'ħin reali abbażi ta' Gamel *et al.*, 2017 jew PCR f'ħin reali abbażi ta' Lombard *et al.* 2024 (*);

(*) Lombard L, Dekker-Nooren CCEM, Wuijster B, van Kessel, SP, van Duivenbode I, van Bruggen AS, van Heese EYJ (2024) Comparing the effectiveness of real time PCRs to simultaneously detect and identify viable *Globodera pallida* and *G. rostochiensis*. Eur J Plant Pathol, https://doi.org/10.1007/s10658-024-02864-7";

(ii) jiżdied li punt li ġej:

"(iv) l-iżolament taċ-ċesti tan-nematodi mill-fdalijiet abbażi tal-morfoloġija taċ-ċesti, segwit mid-detezzjoni u l-identifikazzjoni tal-ispeċi abbażi tal-PCR f'ħin reali ta' ċesti vijabbli u ta' larvi ħajjin abbażi ta' Lombard *et al.* 2024";

(4) L-Anness IV huwa emendat kif stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Lulju 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

L-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/1192 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"**Mudell tal-istħarriġ imsemmi fl-Artikoli 3 u 6**

Mudell għall-preżentazzjoni tar-riżultati tal-istħarriġiet dwar in-**nematodi taċ-ċesti tal-patata** mwettqa matul is-sena kalendarja ta' qabel is-sena tar-rapportar.

Jekk jogħġbok uża din it-tabella biss għar-riżultati tal-istħarriġ għall-patata maħsuda f'pajjiżek.

Stat Membru	Tip ta' Stħarriġ	Kategorija	Żona ta' kultivazzjoni (ha) [1]	Żona mistħarrġa (ha)	Rata tal-kampjunar applikata skont il-punti 1-7 tal-Anness III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/1192 [2]	Erja infestata wara l-ittestjar fil-laboratorju (ha)			Daqs inizjali tal-erja infestata [5] (ha)	Daqs aġġornat tal-erja infestata [6] (ha)	Numri tan-notifika tat-tifqigħat ġodda nnotifikati, skont kif applikabbli, f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1715	Informazzjoni addizzjonali
						G. p. biss [3]	*G. r.* biss [4]	*G. p.* u *G. r.* flimkien fl-istess sit tal-produzzjoni				
	Detezzjoni (l-Artikolu 3 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/1192)	— Patata għall-produzzjoni ta' tuberi għat-tħawwil [7] ; kif ukoll — Pjanti ospitanti oħra, kif elenkati fl-Anness I tar- Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/1192 [8]										
	Monitoraġġ (l- Artikolu 6 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/1192)	Patata għajr dik għat-tħawwil										

(1) Rilevanti biss f'każ ta' stħarriġiet ta' monitoraġġ.
(2) Ir-rata tal-kampjunar skont it-tifsira tal-Anness III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/1192 (fil-biċċa l-kbira ddeterminata mill-volum tal-kampjun); uża ringiela individwali għal kull rata ta' kampjunar, rispettivament.
(3) *Globodera pallida*.
(4) *Globodera rostochiensis*.
(5) Id-daqs totali tal-erja infestata fis-sena ta' qabel is-sena koperta mir-rapport.
(6) Id-daqs totali tal-erja infestata fis-sena koperta mir-rapport.
(7) M'hemmx bżonn ta' stħarriġ ta' detezzjoni għat-tħawwil tal-patata maħsuba għall-produzzjoni tat-tuberi tal-patata li tkun se tintuża fl-istess post tal-produzzjoni li jkun jinsab f'żona ddefinita mill-awtoritajiet kompetenti.
(8) M'hemmx bżonn ta' stħarriġ ta' detezzjoni għat-tħawwil ta' pjanti tal-Anness I maħsuba għat-tħawwil mill-ġdid fl-istess post tal-produzzjoni li jinsab f'żona definita mill-awtoritajiet kompetenti u għall-pjanti elenkati fil-punti 2 u 3 tal-Anness I, maħsuba għat-tħawwil mill-ġdid, fejn il-pjanti maħsuda għandhom ikunu soġġetti għall-miżuri approvati uffiċjalment imsemmija fil-punt 1 tal-Anness II."